MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. MARIO SCERRI

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2007

Talba Numru. 56/2006

Mediacoop Ltd. [Coop No.49]

vs

Joseph John Paul Cutajar [ID.499893M]

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba tas-socjeta' attrici li jghid hekk :

"Mediacoop Ltd. qed titlob is-somma ta' disgha mija tlieta u disghin Liri Maltin u sittin centezmu (Lm993.60) rappresentanti prezz ta' reklami fuq il-Capital Radio moghti lill-konvenut fuq ordnijiet tieghu stess u li baqa' ma thallasx;

Minkejja li l-konvenut gie interpellat diversi drabi biex ihallas, inkluz bl-ittra legali tal-15 ta' April 2006 (kopja annessa u mmarkata "Dok D") dan baqa inadempjenti.

Qed jintalbu ukoll l-imghaxijiet dekorribbli mid-data tal-fattui relattivi (annessi u mmarkati “Dok A”, “Dok B”, u “Dok C”) sad-data tal-effettiv pagament, bir-rata ta’ 8% fis-sena.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.”

Ra li l-konvenut gie debitament innotifikat bl-avviz tat-talba u bl-avviz ghas-smigh fit-18 ta’ Jannar 2007, u baqa’ ma dahhal ebda risposta, u lanqas ma deher personalment ghall-udjenzi tat-23 ta’ Frar 2007, tas-6 ta’ Marzu 2007, u tal-14 ta’ Marzu 2007.

Sema’ lill-avukat tas-socjeta’ attici Dottor Victor Axiaq li kkonferma bil-gurament fl-udjenza tas-6 ta’ Marzu 2007, li l-ammont mitlub fl-avviz tat-talba huwa dovut mill-konvenut, u li minkejja diversi weghdi minn naha tal-konvenut, dan baqa’ ma ssalda xejn mill-ammont li qed jigi mitlub.

Fl-udjenza tas-6 ta’ Marzu 2007, gewipprezentati kapitoli ghas-subizzjoni tal-konvenut, u fl-udjenza tal-14 ta’ Marzu 2007, gew miftuha dawn il-kapitoli, u fl-assenza tal-konvenut wara li gie debitament imsejjah diversi drabi skond il-ligi, baqa’ ma deherx, u l-kapitoli gew approvati u meqjusa li gew mistqarra mill-konvenut.

Ikkunsidra li t-talba tas-socjeta’ attrici hija gusta u timmerita konferma.

Wara li ra wkoll l-artikoli 9(2)(a) u 13(b) tal-Kap.380.

Jiddeciedi ghaldaqstant billi jikkundanna lill-konvenut li jhallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ disgha mija tlieta u disghin Liri Maltin u sittin centezmi (Lm993.60) skond l-avviz tat-talba u ghall-istess ragunijiet hemm imsemmija, bl-imghaxijiet legali b’effett mid-data tal-fatturi relattivi sal-effettiv pagament, u bl-ispejjez kollha konnessi mat-talba tas-socjeta’ attrici, kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------